## QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
## BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

### Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

### SENTENZA

Mogħtija illum, 28 ta' Ġunju 2023

Kawża Nru 126/2023

**Il-Pulizija**

Vs

**Peter Grech**
(K.I. 1984G)

Il-Qorti,

Rat l-Akkużi miġjuba kontra **Peter Grech, iben Nazzareno Grech u Jane nee' Azzopardi** imwieled ir-Rabat, Għawdex fil-31 ta' Ottubru 1983 u Villaġġ ta' San Ġużepp, F/H H, Triq it-30 ta' Ottubru 1948, Qala u akkużat talli nhar it-02 ta' Novembru 2022, għall-ħabta ta' 09:50hrs, waqt li kien fi Triq l-Imġarr, Xewkija:

1. Soqt il-vettura ta' għamla Mitsubishi Pajero Junior bin-numru ta' reġistrazzjoni JBF 573 mingħajr ma kellek liċenzja tas-sewqan;

2. Soqt il-vettura ta' għamla Mitsubishi Pajero Junior bin-numru ta' reġistrazzjoni JBF 573 mingħajr ma kont kopert b'polza ta' l-assikurazzjoni dwar ir-riskji għal terzi persuni;

3. Soqt jew ippermettejt li titħalla l-vettura ta' għamla Mitsubishi Pajero Junior bin-numru ta' reġistrazzjoni JBF 573 fi triq, kemm ipparkjata kif ukoll jekk qed tintuża, mingħajr liċenzja ta' ċirkolazzjoni maħruġa mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien jidrilha li hu xieraq.

Rat l-Akkużi miġjuba kontra l-akkużat,

Rat il-provi miġjuba;

Semgħet ix-xhieda;

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda prodotta jirriżulta illi dakinhar tal-akkuża, l-akkużat kien qed isuq il-vettura fi Triq l-Imġarr, x-Xewkija hu u sejjer lejn l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, waqt road block.

Mill-provi prodotti rriżulta li l-akkużat kien qiegħed isuq din il-vettura mingħajr ma kienet imġedda l-liċenzja taċ-ċirkolazzjoni tal-vettura u anke mingħajr ma kienet koperta minn polza ta' l-assikurazzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova t-tieni u t-tielet akkuża skont il-liġi.

Fir-rigward tal-ewwel akkuża, il-Qorti semgħet illi l-akkużat wasal f'Malta f'Lulju 2022 u li kellu fil-pussess tiegħu liċenzja valida maħruġa mill-Istati Uniti. B'hekk l-ewwel akkuża ma ġietx sodisfaċenetement ipprovata.

L-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmilha tassattiva fuq il-Qorti li kull min jinsab ħati ta' reat taħt dak l-artikolu il-Qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati sakemm ma jinġiebux raġunijiet speċjali sabiex tikkonsidra mod ieħor. F'dan il-każ partikolari ma tressqu ebda prova jew raġunijiet speċjali u b'hekk li-Qorti ser tapplika s-sospensjoni kif reża mandatorja taħt l-Artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide,**

Għaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 13(2) u 44 ta' S.L. 368.02 qed issib lil **Peter Grech** ħati tat-tieni u t-tielet akkuża u tikkundannaħ għal multa komplessiva ta' €2,330 filwaqt li tillibera lill-akkużat mil-ewwel akkuża miġjuba kontriħ.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2A) tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta qed tiskwalifika lill-akkużat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data tal-lum.

**Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Joseph Grech**
**Deputat Reġistratur**